KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fl-10 ta' Diċembru 2020[1]

Kawża C-617/19

Granarolo SpA
vs
Ministero dell'Ambiente e della Tutela del Territorio e del Mare,
Ministero dello Sviluppo Economico,
Comitato nazionale per la gestione della Direttiva 2003/87/CE e per il supporto nella gestione delle attività di progetto del protocollo di Kyoto,
fil-preżenza ta':
E.On Business Solutions Srl, li kienet E.On Connecting Energies Italia Srl

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio, l-Italja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2003/87/KE – Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra – Artikolu 3(e) – Kunċett ta' 'installazzjoni' – Kunċett ta' 'attivitajiet li għandhom konnessjoni teknika' – Artikolu 3(f) – Kunċett ta' 'operatur' – Trasferiment ta' installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni tal-enerġija ttrasferita – Kuntratt ta' provvista ta' enerġija bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju – Ċaħda tat-talba ta' aġġornament tal-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra taċ-ċedenti"

I. Introduzzjoni

1. Granarolo SpA hija kumpannija li topera fis-settur tal-ikel tal-ħalib frisk, kif ukoll fil-produzzjoni u fid-distribuzzjoni ta' prodotti mill-ħalib. Hija għandha, għas-sit tagħha ta' Pasturago di Vernate (l-Italja), fejn hemm stabbiliment ta' produzzjoni u installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana[2], awtorizzazzjoni unika ta' emissjoni ta' gassijiet serra. Madankollu, fil-fatt, Granarolo ma għadhiex proprjetarja tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni, li hija ttrasferiet lil E.On Business Solutions (li kienet E.On Connecting Energies Italia Srl, iktar 'il quddiem "EBS"), kumpannija speċjalizzata fil-produzzjoni tal-enerġija. Għalhekk Granarolo qed titlob li tingħata aġġornament tal-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra tagħha, sabiex l-emissjonijiet assoċjati mal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni ma jibqgħux jiġu imputati lilha. Din it-talba, s'issa, ġiet miċħuda mill-awtorità kompetenti[3].

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż

2 Il-prinċipju tal-ko-ġenerazzjoni jikkonsisti fil-produzzjoni simultanja tal-enerġija mekkanika, ikkonvertita f'elettriku, u tal-enerġija termika fl-istess installazzjoni u mill-istess sors ta' enerġija (jiġifieri, permezz ta' kombustjoni ta' kombustibbli).

3 L-istess bħat-talba inizjali tagħha għal awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra, it-talba ta' aġġornament ta' Granarolo ġiet indirizzata lill-Comitato nazionale per la gestione della direttiva 2003/87/CE e per il supporto nella gestione delle attività di progetto del Protocollo di Kyoto (il-Kumitat Nazzjonali għall-Ġestjoni tad-Direttiva 2003/87/KE u għas-Sostenn u l-Ġestjoni ta' Attivitajiet ta' Proġetti li jaqgħu taħt il-Protokoll ta' Kyoto, l-Italja, iktar 'il quddiem il-"Kumitat ETS"). "ETS" tfisser l-"iskema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjoni". F'dawn il-konklużjonijiet ser nuża kemm din l-abbrevjazzjoni kif ukoll it-termini "skema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjoni".

2. F'dan il-kuntest, Granarolo ressqet rikors quddiem it-Tribunale ammistrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio, l-Italja)[4]. Din il-qorti ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2003/87/KE[5], dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "installazzjoni".

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistoqsija dwar il-kwistjoni ta' jekk, essenzjalment, meta, fuq l-istess sit industrijali, unitajiet tekniċi li huma s-suġġett ta' awtorizzazzjoni unika ta' emissjoni ta' gassijiet serra u huma ttrattati, f'din l-awtorizzazzjoni, bħala l-istess "installazzjoni", it-trasferiment ta' waħda minnhom, mill-impriża detentriċi tal-awtorizzazzjoni, lil persuna fiżika jew ġuridika jwassalx għall-konsegwenza li din l-unità ma tibqax tifforma parti minn tali installazzjoni.

4. Fil-kumplament tal-konklużjonijiet tiegħi, sejjer nippproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fl-affermattiv għal din id-domanda, filwaqt li nippreċiża li, fil-fehma tiegħi, jeżistu żewġ eċċezzjonijiet: l-*ewwel waħda*, meta, minkejja l-bidla fil-proprjetarju, l-attività li ssir fl-unità ttrasferita "jkollha konnessjoni teknika" mal-attivitajiet taċ-ċedent u "hija assoċjata direttament"[6] mal-installazzjoni ta' dan tal-aħħar, u t-*tieni*, meta ċ-ċedent jibqa' l-"operatur"[7] li jkun f'pożizzjoni li jikkontrolla l-emissjonijiet ta' din l-unità. Il-kawża prinċipali ma jidhirlix li taqa' taħt xi waħda minn dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

5. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87, intitolat "Id-definizzjonijiet", jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

e) 'stallazzjoni' tfisser unità teknika stazzjonarja fejn jitwettqu attività jew iktar elenkati fl-Anness I u kull attività oħra assoċjata direttament li jkollha konnessjoni teknika ma' l-attivitajiet imwettqa fuq is-sit u li jista' jkollhom effett fuq l-emissjonijiet u t-tniġġiż;

f) 'operatur' ifisser kull persuna li tħaddem jew tikkontrolla stallazzjoni jew, meta dan huwa pprovdut fil-leġislazzjoni nazzjonali, li lilha tkun iddelegata s-saħħa ekonomika deċisiva fuq il-funzjonament tekniku ta' l-istallazzjoni;

[…]"

6. L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, intitolat "Il-permessi għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra", jipprovdi

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi, mill-1 ta' Jannar 2005, l-ebda stallazzjoni ma tindħal għal attività elenkata fl-Anness I li tirriżulta fl-emissjonijiet speċifikati fejn tidħol din l-attivita għajr jekk l-operatur tagħha jkollu permess maħruġ minn awtorità kompetenti skond l-Artikoli 5 u 6, jew l-istallazzjoni tkun eskluża temporanjament mill-iskema Komunitarja skond l-Artikolu 27 […]".

4 Dan ir-rikors huwa ppreżentat kontra l-Ministero dell'Ambiente e della Tutela del Territorio e del Mare (il-Ministru għall-Ambjent, għall-Protezzjoni tat-Territorju u tal-Ibħra, l-Italja), il-Ministero dello Sviluppo economico (il-Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku, l-Italja), kif ukoll kontra l-Kumitat ETS.

5 Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631), kif emendata bid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 (ĠU 2009, L 140, p. 63).

6 Il-fraži "li jkollha konnessjoni teknika" u "assoċjata direttament" jintużaw fid-definizzjoni tal-kunċett ta' "stallazzjoni", fl-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2003/87.

7 F'dak li jikkonċerna d-definizzjoni ta' dan il-kunċett, nagħmel riferiment għall-punt 5 ta' dawn il-konklużjonijiet.

7. L-Artikolu 6 ta' din id-direttiva, intitolat "Il-kondizzjonijiet u l-kontenut tal-permess għall-emissjoni tal-gassijiet serra", huwa fformulat kif ġej

"1. L-awtorità kompetenti għandha toħroġ permess għall-emissjoni tal-gassijiet serra li jagħti awtorizzazzjoni għall-emissjoni tal-gassijiet serra dinja minn stallazzjoni fl-intier tagħha jew f'parti minnha jew tkun sodisfatta illi l-operatur huwa kapaċi li jimmonitorja u jirrapporta l-emissjonijiet.

Permess għall-emissjoni tal-gassijiet serra jista' jkopri stallazzjoni jew iktar fuq l-istess sit imħaddma mill-istess operatur.

[…]"

8. L-Artikolu 7 tal-istess direttiva, intitolat "Bidliet marbuta mal-installazzjonijiet", jipprovdi:

"L-operatur għandu jinforma lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe bidliet ippjanti fin-natura jew fl-operazzjoni, jew dwar estensjoni, jew tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità, tal-istallazzjoni li tista' tkun teħtieġ aġġornament tal-permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Fejn xieraq, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess. Fejn hemm bidla fl-identità tal-operatur tal-istallazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess biex tinkludi l-isem u l-indirizz tal-operatur il-ġdid".

9. L-Anness I tad-Direttiva 2003/87, intitolat "Kategoriji ta' attivitajiet li għalihom tapplika din id-Direttiva", jinkludi tabella li fiha huma elenkati dawn l-attivitajiet. Fost dawn tissemma l-"[k]ombustjoni ta' karburanti [kombustibbli] f'istallazzjonijiet b'kapaċità termika totali kkalkolata li taqbeż l-20 MW (minbarra installazzjonijiet għat-trattament ta' skart perikoluż jew muniċipali)". Dan l-istess anness jipprevedi fil-punt 3 tiegħu, li "[m]eta l-input termiku nominali totali ta' istallazzjoni jiġi kkalkulat sabiex fl-EU ETS, l-inputs termiċi [kapaċità termika] nominali tal-junits tekniċi kollha li jagħmlu parti minnha u […], jingħaddu flimkien".

B. Id-dritt Taljan

10. L-Artikolu 3(1)(t) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 30/2013[8] jiddefinixxi l-kunċett ta' "operatur" bħala "persuna li tippossjedi jew li tamministra installazzjoni jew li lilha tkun iddelegata s-setgħa ekonomika deċiżiva fuq il-funzjonament tekniku tal-installazzjoni"[9].

11. L-Artikolu 3(1)(v) ta' dan id-digriet leġiżlattiv jiddefinixxi l-kunċett ta' "installazzjoni" bħala "unità teknika stazzjonarja fejn jitwettqu attività jew attivitajiet elenkati fl-Anness I u kull attività oħra assoċjata direttament li jkollha konnessjoni teknika mal-attivitajiet imwettqa fuq is-sit u li jista' jkollhom effett fuq l-emissjonijiet u t-tniġġiż".

12. L-Artikolu 13(1) tal-imsemmi digriet leġiżlattiv jipprovdi li l-ebda installazzjoni ma tista' teżerċita l-attivitajiet previsti fl-Anness I ta' dan id-digriet li tinvolvi emissjonijiet ta' gassijiet serra mingħajr ma tkun kisbet l-awtorizzazzjoni mingħand il-Kumitat ETS.

13. Skont kliem l-Artikolu 16 ta' dan l-istess digriet leġiżlattiv, l-operatur għandu jinforma lill-Kumitat ETS b'kull bidla fir-rigward tal-identità tal-operatur kif ukoll tan-natura, tal-funzjonament tal-installazzjoni, jew kull estensjoni jew tnaqqis importanti fil-kapaċità tagħha.

8 Decreto legislativo n. 30 – Attuazione della direttiva 2009/29/CE che modifica la direttiva 2003/87/CE al fine di perfezionare ed estendere il sistema comunitario per lo scambio di quote di emissione di gas a effetto serra (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 30, dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/29 li Temenda d-Direttiva 2003/87 ghat-Titjib u l-Estensjoni tal-Iskema Komunitarja għall-Iskambju tal-Kwoti ta' Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra), tat-13 ta' Marzu 2013 (GURI Nru 79, tal-4 ta' April 2013, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 30/2013").

9 Traduzzjoni libera.

III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

14. Granarolo hija kumpannija li topera fis-settur tal-ikel tal-ħalib frisk, kif ukoll fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' prodotti mill-ħalib. Hija għandha, f'Pasturago di Vernate, stabbiliment ta' produzzjoni mgħammar b'impjant tal-ġenerazzjoni tal-elettriku termiku, kompost minn tliet boilers li jipproduċu s-sħana neċessarja għall-proċessi ta' trasformazzjoni tagħha.

15. Din il-kumpannija kellha, għall-istabbiliment ta' produzzjoni tagħha, awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra dwar il-"kombustjoni ta' kombustibbli f'dawn l-installazzjonijiet b'enerġija kalorifika [kapaċità termika] totali ta' iktar minn 20 MW", attività li taqa' taħt l-Anness I tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 30/2013, li jittrasponi, fid-dritt Taljan, id-Direttiva 2003/87. Għal dan l-istabbiliment, din hija suġġetta għall-iskema ta' "emittenti żgħar" [10].

16. Fl-2013, Granarolo bniet, fuq is-sit tal-istabbiliment ta' produzzjoni tagħha, installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana intiża għall-produzzjoni tal-ikel. Hija kisbet mingħand il-Kumitat ETS, l-aġġornament tal-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra tagħha, sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-emissjonijiet ta' din l-installazzjoni.

17. Fl-2017, Granarolo ttrasferiet l-installazzjoni tagħha ta' ko-ġenerazzjoni lil EBS, filwaqt li kkonkludiet ma' din tal-aħħar kuntratt ta' provvista ta' enerġija intiż sabiex jippermettilha tkompli tuża l-enerġija termika u l-elettriku prodott minn din l-installazzjoni sabiex tissodisfa l-bżonnijiet tal-enerġija tal-istabbiliment ta' produzzjoni tagħha.

18. Wara dan it-trasferiment, Granarolo ressqet talba lill-Kumitat ETS għall-aġġornament tal-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra tagħha sabiex telimina l-emissjonijiet tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni mill-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha, billi qieset li din l-installazzjoni ma kinitx għadha tintuża minnha u lanqas taħt il-kontroll tagħha.

19. Billi l-Kumitat ETS ċaħad it-talba tagħha, Granarolo ressqet kawża quddiem il-qorti tar-rinviju sabiex tikseb l-annullament ta' din id-deċiżjoni ta' ċaħda.

20. Dik il-qorti tindika li, insostenn tar-rikors tagħha, Granarolo targumenta li, fid-deċiżjoni ta' ċaħda tiegħu, il-Kumitat ETS interpreta ħażin ir-rekwiżiti li jirriżulta mid-Direttiva 2003/87. B'mod partikolari, skont Granarolo, mill-Artikolu 3(f) u mill-Artikolu 6 ta' din id-direttiva jirriżulta li l-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra għandha tinħareġ favur l-operatur tal-installazzjoni. Issa, f'dan il-każ, il-kuntratt ta' provvista tal-enerġija bejn Granarolo u EBS ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jżomm, favur Granarolo, setgħa ta' ġestjoni u ta' kontroll fuq l-emissjonijiet tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni b'tali mod li hija baqgħet topera din l-installazzjoni.

21. Quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Kumitat ETS isostni, min-naħa tiegħu, li t-trasferiment ta' parti mill-attività lil EBS ma kellux effett fuq il-konfigurazzjoni tal-installazzjoni ta' Granarolo, li hija komposta mill-istabbiliment ta' produzzjoni u mill-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni. Din l-aħħar installazzjoni għandha tiġi kkunsidrata li kellha "konnessjoni teknika" mal-istabbiliment ta' produzzjoni u li jista' jkollha effett fuq l-emissjonijiet imputati lil Granarolo. Ladarba tinħareġ

10 L-iskema tal-"emittenti żgħar" hija deskritta fl-Artikolu 38 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 30/2013 (li huwa intiż li jittrasponi l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2003/87). Il-paragrafu 1(b) ta' dan l-artikolu jipprevedi li, fuq talba tal-persuna kkonċernata, il-Kumitat ETS jista' jeskludi mill-iskema tal-iskambju tal-kwoti ta' emissjonijiet l-installazzjonijiet li fihom jitwettqu attivitajiet ta' "kombustjoni ta' kombustibbli" li għandhom kapaċità termika totali, li għalkemm superjuri għal 20 MW (b'mod li jaqgħu taħt l-Anness I ta' dan id-digriet), ma teċċedix 35 MW. F'dan il-każ, tista' tqum il-mistoqsija dwar liema huwa l-interess ta' Granarolo li tkun taf jekk l-emissjonijiet tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni għandhomx jiġu imputati lilha, jew għall-kuntrarju, jaqgħux taħt ir-responsabbiltà ta' EBS. Fil-fatt, fid-dawl tal-figuri kkomunikati mill-partijiet, jidher li, anki jekk l-enerġija tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni tiġi magħduda ma' dik tal-istabbiliment ta' produzzjoni, il-valur riżultanti ikun inqas minn 35 MW. F'dan ir-rigward, ninnota madankollu li, waqt is-seduta, Granarolo indikat li r-raġuni li għaliha hija ma riditx li l-emissjonijiet tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni jkunu imputati lilha kienet dik li l-kapaċità ta' din l-installazzjoni setgħet tiżdied skont ix-xewqa ta' EBS (pereżempju, sabiex tipprovdi l-enerġija lil terzi), li seta' jwassal li jintlaħaq, jew jinqabeż, il-livell ta' 35 MW mingħajr ma hija tkun tista' tevita dan ir-riskju.

l-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra, il-fatt li d-detentur ta' din l-awtorizzazzjoni huwa differenti mill-operatur tal-installazzjoni huwa irrilevanti. F'dan ir-rigward, mill-klawżoli tal-kuntratt ta' provvista tal-enerġija jirriżulta, f'kull każ, li Granarolo żammet setgħa determinanti fuq l-operazzjoni tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni.

22. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tal-kunċetti ta' "installazzjonijiet" u ta' "attivitajiet li għandhom konnessjoni teknika", fis-sens tal-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2003/87. Hija tistaqsi wkoll jekk, kif jissuġġerixxi l-Kumitat ETS, kull interpretazzjoni fis-sens li jiġi ammess li kien hemm diviżjoni tal-installazzjoni inizjali f'żewġ installazzjonijiet ser tagħti lok għal evażjoni tar-regoli tal-iskema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjoni. Fil-fatt, f'dan il-każ, billi l-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni li għandha kapaċità ta' inqas minn 20 MW, hija ma taqax taħt l-attivitajiet koperti mill-Anness I ta' din id-direttiva u għalhekk hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni *rationae materiae* ta' din id-direttiva.

23. Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio), b'deċiżjoni tat-13 ta' Marzu 2019, li waslet għand il-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Awwissu 2019, ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 3(e) tad-Direttiva [2003/87] għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi wkoll taħt il-kunċett ta' "installazzjoni" sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni, li fiha installazzjoni ta' koġenerazzjoni mibnija mir-rikorrenti fis-sit industrjali tagħha sabiex tiġi żgurata enerġija għall-istabbiliment ta' manifattura tagħha tkun ġiet sussegwentement ittrasferita, permezz tat-trasferiment ta' fergħa ta' negozju, lil kumpannija oħra speċjalizzata fis-settur tal-enerġija, b'kuntratt li jipprevedi, minn naħa, it-trasferiment liċ-ċessjonarja tal-installazzjoni ta' koġenerazzjoni ta' enerġija elettrika u sħana, taċ-ċertifikazzjonijiet, tad-dokumenti, tad-dikjarazzjonijiet ta' konformità, liċenzji, konċessjonijiet, awtorizzazzjonijiet u permessi meħtieġa għall-funzjonament tal-installazzjoni nnifisha u għall-iżvolġiment tal-attività, il-kostituzzjoni favur tagħha ta' dritt ta' superfiċi f'żona tal-istabbiliment li hija adegwata u funzjonali għall-ġestjoni u għall-manutenzjoni tal-installazzjoni u tad-drittijiet ta' servitù fuq l-oġġett użat għal koġenerazzjoni, flimkien ma' dritt esklużiv fuq iż-żona ta' madwaru, u, min-naħa l-oħra, il-provvista miċ-ċessjonarja liċ-ċedenti għal 12-il sena tal-enerġija ġġenerata mill-installazzjoni stess, bil-prezzijiet indikati fil-kuntratt?

2) B'mod partikolari, il-kunċett ta' "konnessjoni teknika" fl-istess Artikolu 3(e) [tad-Direttiva 2003/87] jista' jinkludi konnessjoni bejn installazzjoni ta' koġenerazzjoni u stabbiliment ta' manifattura bħalma huwa dan tal-aħħar, li huwa l-proprjetà ta' persuna oħra, minkejja li għandu relazzjoni privileġġjata mal-installazzjoni ta' koġenerazzjoni għall-provvista ta' enerġija (konnessjoni permezz ta' netwerk ta' distribuzzjoni ta' enerġija, kuntratt ta' provvista speċifiku mal-kumpannija tal-enerġija li hija ċ-ċessjonarja tal-installazzjoni, impenn minn din tal-aħħar li tipprovdi kwantità minima ta' enerġija lill-istabbiliment ta' manifattura bil-kundizzjoni tar-rimbors ta' ammont ekwivalenti għad-differenza bejn l-ispejjeż tal-provvista tal-enerġija fis-suq u l-prezzijiet previsti fil-kuntratt, tnaqqis fuq il-prezzijiet ta' bejgħ tal-enerġija mill-għaxar sena u sitt xhur mid-dekorriment tal-kuntratt, konċessjoni tad-dritt għal għażla ta' akkwist mill-ġdid tal-installazzjoni ta' koġenerazzjoni f'kull mument […] mill-kumpannija ċedenti, il-ħtieġa tal-awtorizzazzjoni taċ-ċedenti għall-iżvolġiment ta' xogħlijiet fuq l-installazzjoni ta' koġenerazzjoni) li jista' jkompli bl-iżvolġiment tal-attività tiegħu anki fil-każ ta' interruzzjoni tal-provvista ta' enerġija jew fil-każ ta' ħsara jew waqfien tal-attività tal-installazzjoni ta' koġenerazzjoni?

3) Fl-aħħar nett, fil-każ ta' trasferiment effettiv ta' installazzjoni ta' [ko-ġenerazzjoni] mill-manifattur, li huwa wkoll proprjetarju ta' stabbiliment [ta' produzzjoni], lil kumpannija oħra li hija speċjalizzata fil-qasam tal-enerġija, għal raġunijiet ta' effiċjenza, il-possibbiltà ta' separazzjoni tal-emissjonijiet relattivi mill-awtorizzazzjoni ETS tal-proprjetarju tal-istabbiliment industrjali, sussegwentement

għat-trasferiment[,] u l-effett possibbli ta' "evażjoni" tal-emissjonijiet mill-[…] ETS minħabba l-fatt li installazzjoni ta' [ko-ġenerazzjoni], ikkunsidrata waħedha, ma teċċedix il-limitu sabiex tiġi kklassifikata bħala "emittent żgħir"[,] jikkostitwixxu ksur tar-regola tal-aggregazzjoni tas-sorsi indikata fl-Anness I tad-Direttiva [2003/87] jew, għall-kuntrarju, jikkostitwixxu sempliċement konsegwenza legali tal-għażliet organizzattivi tal-operaturi, mhux ipprojbita mill-[…]ETS?"

24. Granarolo, EBS, il-Gvern Taljan u l-Gvern Ċek, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

25. L-istess partijiet u persuni interessati, minbarra l-Gvern Ċek, kienu rrappreżentati waqt is-seduta li nżammet fis-17 ta' Settembru 2020.

IV. Analiżi

26. Kif indikajt fl-introduzzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-qorti tar-rinviju tixtieq kjarifika, essenzjalment, dwar lil liema impriża (ċedenti jew ċessjonarja) għandhom jiġu imputati l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni li l-proprjetà tagħha ġiet ittrasferita mill-impriża detentriċi ta' awtorizzazzjoni unika għas-sit li fuqu tinsab din l-installazzjoni. Għandu jiġi kkunsidrat li, jekk din l-installazzjoni u l-istabbiliment ta' produzzjoni taċ-ċedenti kienu inizjalment ittrattati, f'din l-awtorizzazzjoni, bħala l-istess "installazzjoni" waħda, fis-sens tal-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2003/87, dan għandu dejjem ikun il-każ wara t-trasferiment?

27. Essenzjalment, din hija l-problema li hija ttrattata fl-*ewwel żewġ domandi* tal-qorti tar-rinviju, li jien ser nanalizza flimkien f'dawn il-konklużjonijiet.

28. It-*tielet domanda* magħmula minn din il-qorti hija intiża, min-naħa tagħha, sabiex tiddetermina jekk, fil-każ fejn installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tiġi kkunsidrata, wara t-trasferiment tagħha, bħala li ma tifformax iktar parti mill-"installazzjoni" taċ-ċedenti, il-fatt li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' din l-installazzjoni ma jilħqux, waħedhom, il-livell minimu ta' 20 MW sabiex ikunu koperti bid-Direttiva 2003/87 jistax iwassal għal ksur tar-"regola ta' aggregazzjoni" li tissemma fil-punt 3 tal-Anness I ta' din id-direttiva [11].

29. Konkretament, jekk l-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni u l-istabbiliment ta' produzzjoni jkollhom, wara t-tranżazzjoni eżegwita bejn Granarolo u EBS, jitqiesu li jiffurmaw l-istess "installazzjoni" waħda, il-kapaċità termika tagħhom tiġi magħduda flimkien skont ir-"regola ta' aggregazzjoni" u l-emissjonijiet tagħhom ikunu koperti mill-ETS. Min-naħa l-oħra, jekk l-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni ma tibqax iktar tifforma parti mill-istess "installazzjoni" bħall-istabbiliment ta' produzzjoni, il-kapaċità termika totali tagħha ma tilħaqx il-livell minimu ta' 20 MW. Minn dan isegwi li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' din l-installazzjoni jkunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni *rationae materiae* tad-Direttiva 2003/87 u joħorġu barra mill-ETS.

11 Il-kontenut ta' din ir-regola huwa mfakkar fil-punt 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

A. Kunsiderazzjonijiet preliminari

30. Infakkar li d-Direttiva 2003/87 għandha l-għan li tistabbilixxi skema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjoni intiża għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-atmosfera u għalhekk l-għan finali huwa l-protezzjoni tal-ambjent. Din l-iskema hija bbażata fuq loġika ekonomika, li tħeġġeġ lil kull parteċipant fiha jemetti kwantità ta' gassijiet serra li hija inqas mill-kwoti li ġew inizjalment mogħtija lilu, sabiex jittrasferixxi l-bqija tagħhom lil parteċipant ieħor li pproduċa kwantità ta' emissjonijiet li taqbeż il-kwoti allokati [12].

31. Dan il-prinċipju ta' bejgħ bl-irkant tal-kwoti, li l-leġiżlatur ikkunsidra li kien ġeneralment "l-aktar wieħed faċli u meqjus b'mod ġenerali bħala s-sistema l-aktar effiċjenti ekonomikament" [13], fir-rigward tal-għan ta' "tnaqqis ta' l-emissjoni tal-gassijiet serra b'manjiera effettiva rigward spejjez u effiċjenza ekonomika" [14], jiddependi għalhekk fuq il-kapaċità tal-parteċipanti fih li jikkontrollaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom.

32. F'dan il-każ, fid-dawl tal-klawżoli kuntrattwali msemmija mill-qorti tar-rinviju fid-domandi tagħha, jidhirli, mill-bidu nett, li hija biss EBS li tista' tikkontrolla l-emissjonijiet tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni fil-kawża prinċipali.

33. Fil-fatt, *l-ewwel nett*, kif diġà indikajt fl-introduzzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, Granarolo ma hijiex il-proprjetarja ta' din l-installazzjoni. Il-qorti tar-rinviju tindika li Granarolo u EBS ftehmu dwar klawżoli kuntrattwali li jipprevedu t-trasferiment ta' din l-installazzjoni u tad-dokumenti rikjesti għall-operazzjoni tagħha lil din l-aħħar kumpannija, kif ukoll l-għoti ta' dritt fuq il-bini u ta' drittijiet ta' servitu maħsuba sabiex jippermettu li EBS topera u twettaq il-manutenzjoni ta' din l-istess installazzjoni.

34. *It-tieni nett*, minn kif huma fformulati d-domandi ta' dik il-qorti niddeduċi li, għalkemm EBS intrabtet li tforni lil Granarolo, għal perijodu ta' tnax-il sena, il-kwantitajiet minimi tal-enerġija termika u elettrika sabiex tissodisfa l-bżonnijiet tal-istabbiliment ta' produzzjoni, dan l-obbligu ta' natura kuntrattwali ma jagħtix lil Granarolo s-setgħa li tikkontrolla l-emissjonijiet tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni. Fil-fatt, fil-każ fejn EBS ma tipprovdix l-enerġija rikjesta, l-unika konsegwenza tkun, kif indikat l-imsemmija qorti, li hija jkollha tirrimborsa lil Granarolo ammont ekwivalenti għad-differenza bejn il-prezz tal-provvista tal-enerġija fis-suq u l-prezz iffissat fil-kuntratt ta' provvista tal-enerġija konkluż bejn dawn il-partijiet.

35. *It-tielet nett*, għalkemm il-qorti tar-rinviju tippreċiża li Granarolo għandha l-għażla li tixtri lura l-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni, li hija tista' teżerċita f'kull żmien, il-fatt biss li teżisti din l-għażla, mingħajr qatt ma kienet akkumpanjata minn att konkret maħsub sabiex terġa' tinkiseb il-proprjetà ta' din l-installazzjoni, ma jippermettix, fil-fehma tiegħi, li jiġi konkluż li din il-kumpannija għandha s-setgħa li żżid jew li tnaqqas il-kwantità tal-enerġija totali prodotta minn din l-installazzjoni.

36. *Ir-raba' nett*, fil-fehma tiegħi, dan jgħodd ukoll fir-rigward tal-obbligu kuntrattwali, ukoll innotat minn din il-qorti, li jobbliga lil EBS titlob l-awtorizzazzjoni ta' Granarolo sabiex twettaq xogħlijiet fuq l-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni. Dan l-obbligu ma għandux ibiddel il-konklużjoni li hija biss EBS li tikkontrolla l-kwantità ta' emissjonijiet minn din l-installazzjoni.

12 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2019, ExxonMobil Production Deutschland (C-682/17, EU:C:2019:518, punti 62 sa 63, u l-ġurisprudenza ċċitata).

13 Ara l-premessa 15 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva [2003/87] għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża ExxonMobil Production Deutschland (C-682/17, EU:C:2019:167, punt 69).

14 Dan l-għan huwa stabbilit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/87. Ara, ukoll is-sentenzi tat-12 ta' April 2018, PPC Power (C-302/17, EU:C:2018:245, punt 18), kif ukoll tas-17 ta' Mejju 2018, Evonik Degussa (C-229/17, EU:C:2018:323, punt 41).

37. Abbaži ta' dawn l-elementi, il-partijiet u l-persuni kkonċernati f'din il-kawża jiddefendu, essenzjalment, żewġ teżijiet differenti.

38. Minn naħa, Granarolo, EBS u l-Kummissjoni jikkunsidraw li, ladarba Granarolo ma tistax iktar tikkontrolla l-emissjonijiet tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni ttrasferita lil EBS, huwa indispensabbli, skont id-Direttiva 2003/87, li fl-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra ta' din l-installazzjoni, ma jittieħdux iktar inkunsiderazzjoni l-emissjonijiet tagħha. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jindikaw li l-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet għandha tingħata lill-"operatur" tal-installazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 3(f) tal-imsemmija direttiva. Issa, EBS biss tista' titqies li teżerċita din il-funzjoni.

39. Min-naħa l-oħra, il-Gvern Taljan u dak Ċek iqisu li l-kunċett ta' "installazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2003/87 huwa awtonomu minn dak ta' "operatur". Għalhekk, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, l-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni tista' titqies li għadha tifforma biss l-istess "installazzjoni" waħda mal-istabbiliment ta' produzzjoni ta' Granarolo u bħala li hija dejjem koperta mill-awtorizzazzjoni relatata ma dan l-istabbiliment, irrispettivament mill-fatt li l-identità tal-operatur tagħha hija differenti minn dik tal-proprjetarju ta' din l-awtorizzazzjoni [15].

40. F'dak li jikkonċerna l-konfigurazzjoni tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni, Granarolo indikat, waqt is-seduta, li, fl-awtorizzazzjoni tagħha u li tirrifletti s-sitwazzjoni tagħha qabel it-trasferiment lil EBS, l-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni u l-istabbiliment ta' produzzjoni kienu ġew ippjanati bħala żewġ unitajiet tekniċi suġġetti għar-"regola ta' aggregazzjoni" prevista fil-punt 3 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 u li jifformaw parti mill-istess installazzjoni waħda.

41. Il-qorti tar-rinviju tinnota, fid-domandi tagħha, li wara t-trasferiment, l-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni għadha fiżikament konnessa mal-istabbiliment ta' produzzjoni ta' Granarolo abbażi ta' network ta' distribuzzjoni. Madankollu, hija tippreċiża li Granarolo tista' tkompli teżerċita l-attività tagħha anki f'każ ta' interruzzjoni tal-provvista tal-enerġija minn EBS jew malfunzjonament tal-attività tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni.

42. Għar-raġunijiet li jien ser nesponi fil-kumplament ta' dawn il-konklużjonijiet (sezzjoni B), nikkunsidra li dawn l-elementi ma jindikawx li, f'każ bħal dak fil-kawża prinċipali, l-attivitajiet ta' installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni u ta' stabbiliment ta' produzzjoni għandhom jitqiesu li għandhom "konnessjoni teknika", fis-sens tal-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2003/87 u li, minħabba f'hekk, jiffurmaw l-istess installazzjoni waħda.

43. Wara li saru dawn il-preċiżazzjonijiet, għandu jiġi deċiż lil min għandhom jiġu imputati l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali. Fi kliem ieħor, jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk l-emissjonijiet ta' tali installazzjoni jistgħux jibqgħu koperti minn awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra bħal dik li għandha Granarolo.

44. F'dan ir-rigward, ser nindika, qabel xejn, li awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra tista' tkopri biss l-installazzjonijiet jew partijiet minn installazzjoni li "tħaddem" l-impriża detentriċi tal-awtorizzazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 3(f) tad-Direttiva 2003/87 (sezzjoni C). Imbagħad, ser nispjega li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, Granarolo ma għadhiex "tħaddem" l-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni u għaldaqstant l-imsemmija emissjonijiet ma jistgħux jiġu imputati lilha (sezzjoni D).

15 Nippreċiża li, min-naħa tiegħu, il-Gvern Taljan jikkunsidra li Granarolo baqgħet dejjem l-"operatur" ta' din l-istallazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni. Sejjer neżamina l-mertu ta' dan l-argument fis-sezzjoni D ta' dawn il-konklużjonijiet.

45. Ninnota, minn issa, li l-klawżoli kuntrattwali miftehma bejn ċedent u ċessjonarju ma jidhirlix li huma rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk attività ittrasferita għandhiex "konnessjoni teknika" mal-attivitajiet taċ-ċedent. Madankollu, mis-Sezzjoni D ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li dawn l-istess klawżoli huma, fil-fehma tiegħi, utli sabiex jiġi identifikat l-operatur tal-unità teknika li fiha titwettaq tali attività, jiġifieri sabiex tiġi ddeterminata l-persuna li lilha għandhom jiġu imputati l-emissjonijiet emessi minnha.

46. Biex nagħlaq, ser nirrispondi għat-tielet domanda tal-qorti tar-rinviju, dwar eventwali ksur tar-"regola ta' aggregazzjoni" (sezzjoni F).

B. Fuq il-kunċett ta' "attivitajiet li għandhom konnessjoni teknika"

47. Infakkar li, skont l-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2003/87, "stallazzjoni" tfisser "*unità teknika* stazzjonarja fejn jitwettqu attività jew iktar elenkati fl-Anness I u kull attività oħra *assoċjata direttament* li *jkollha konnessjoni teknika* ma' l-attivitajiet imwettqa fuq is-sit u li jista' jkollhom effett fuq l-emissjonijiet u t-tniġġiż"[16]. Barra minn hekk, ir-"regola ta' aggregazzjoni" stabbilita fil-punt 3 tal-Anness I ta' din id-direttiva tippreżupponi li "stallazzjoni" tista' tikkonsisti wkoll minn grupp ta' diversi unitajiet tekniċi, miġbura fuq l-istess sit[17].

48. Abbażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jidhirli li huwa neċessarju li ssir distinzjoni bejn tliet xenarji meta parti minn attività tiġi ttrasferita mill-impriża detentriċi ta' awtorizzazzjoni unika ta' emissjoni ta' gassijiet serra.

1. Preżentazzjoni tat-tliet xenarji possibbli

49. Fl-*ewwel xenarju*, l-operatur jittrasferixxi l-proprjetà tal-installazzjonijiet kollha jew tal-partijiet minn installazzjoni koperti bl-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra tiegħu lil persuna oħra fiżika jew ġuridika, li ssir l-"operatur". F'dan il-każ, is-soluzzjoni hija prevista bit-tielet sentenza tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/87 u tikkonsisti f'li l-awtorità kompetenti taġġorna l-awtorizzazzjoni sabiex tinkludi l-isem u l-indirizz tal-operatur il-ġdid.

50. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li, fil-kuntest tal-ETS, operatur huwa għalhekk liberu li jittrasferixxi l-installazzjonijiet kollha jew partijiet minn installazzjonijiet koperti bl-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra tiegħu lil impriża oħra. Wara dan it-trasferiment, l-emissjonijiet għandhom jiġu imputati lil din l-impriża l-oħra.

51. Il-kwistjoni hija dwar x'jiġri f'każ ta' trasferiment ta' waħda biss mill-unitajiet tekniċi li jiffurmaw installazzjoni diġà koperta minn awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra. Hija din is-sitwazzjoni ta' trasferiment parzjali li hija kkontemplata fiż-żewġ xenarji segwenti:

– Fit-*tieni xenarju*, l-operatur jittrasferixxi parti minn attività li titwettaq f'installazzjoni komposta minn diversi unitajiet tekniċi, li għalihom huwa detentur ta' awtorizzazzjoni unika ta' emissjoni ta' gassijiet serra, lil persuna oħra fiżika jew ġuridika, filwaqt li jibqa' jwettaq l-attivitajiet l-oħra marbuta ma' din l-installazzjoni. Madankollu dawn l-attivitajiet u l-attività ttrasferita ma għandhomx "konnessjoni teknika" fis-sens tal-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2003/87.

16 Korsiv miżjud minni.

17 Ninnota, għal kull bwon fini, li l-Kummissjoni indikat, fid-dokument tagħha "Guidance on Interpretation of Annex I of the EU ETS Directive (excl. aviation activities)" (il-"Linji gwida dwar l-interpretazzjoni tal-Anness I tad-Direttiva [2003/87] (esklużi attivitajiet tal-avjazzjoni)"), tat-18 ta' Marzu 2010 (p. 16), li installazzjoni tista' tkun komposta minn diversi unitajiet. Dan id-dokument huwa disponibbli fl-indirizz tal-internet li ġej: https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/ets/docs/guidance_interpretation_en.pdf.

– Fit-*tielet xenarju*, il-fatti huma identiċi għal dawk tat-tieni xenarju, imma l-attività ttrasferita jkollha "konnessjoni teknika" mal-attivitajiet li jibqgħu jitwettqu miċ-ċedent fl-installazzjoni tiegħu u tkun relatata direttament ma' din l-installazzjoni.

52. Id-definizzjoni tal-kunċett ta' "stallazzjoni" mogħtija mill-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2003/87 tirrikjedi li, sabiex ikollhom konnessjoni teknika, l-attivitajiet imsemmija fit-*tielet xenarju* jkunu meqjusa li jitwettqu fi ħdan l-istess installazzjoni waħda.

53. Fi kliem ieħor, il-kwistjoni ta' jekk l-attivitajiet taċ-ċedent u taċ-ċessjonarju jkollhomx "konnessjoni teknika" għandha effett fuq in-numru ta' installazzjonijiet li jeżistu wara t-trasferiment. Skont jekk ikunx hemm it-*tieni* jew it-*tielet xenarju*, wara t-trasferiment, jista' jkun hemm installazzjoni unika, jew żewġ installazzjonijiet.

2. Tifkiriet dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "attivitajiet li għandhom konnessjoni teknika"

54. Id-Direttiva 2003/87 ma tinkludix definizzjoni tal-kunċett ta' attivitajiet "li għandhom konnessjoni teknika" Id-Direttiva 2003/87 ma tinkludix definizzjoni tal-kunċett ta' "attivitajiet li għandhom konnessjoni teknika".

55. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità li tippreċiża, fis-sentenza tagħha fil-kawża Elektriciteits Produktiemaatschappij Zuid-Nederland EPZ, li, essenzjalment, għandu jiġi konkluż li teżisti "konnessjoni teknika" bejn żewġ attivitajiet meta waħda minnhom tkun *integrata fil-proċess tekniku komuni* tal-oħra [18].

56. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, fir-rigward ta' installazzjoni ta' ħażna ta' faħam u ta' installazzjoni termoelettrika marbuta bejniethom permezz ta' conveyor belt intiża sabiex tipprovdi l-faħam lill-installazzjoni termoelettrika, li l-faħam maħżun kien *indispensabbli* għall-funzjonament tal-imsemmija installazzjoni, u dan kien suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li l-attività ta' ħażna kienet *marbuta direttament* mal-attività tagħha [19].

57. Nirrikonoxxi li, fl-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ma jidhirlix li eskludiet espressament li attività li ma tkunx "indispensabbli" għal oħra tkun meqjusa wkoll li "għandha konnessjoni teknika" ma' din tal-aħħar. Madankollu, jien nifhem il-kriterju adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sens li s-sitwazzjonijiet li fihom attivitajiet għandhom jitqiesu li għandhom "konnessjoni teknika" jinkludu, f'kull każ, dawk fejn l-integrità tal-installazzjoni tista' tiġi ppreġudikati jekk hija ma tkunx tista' tibbenefika iktar mill-attività ttrasferita [20].

3. Identifikazzjoni tax-xenarju li taħtu taqa' l-kawża prinċipali

58. Huwa ċar li l-ewwel xenarju identifikat fis-sotto-sezzjoni 1 ma huwiex dak li jinteressana fiċ-ċirkustanzi tal-kwistjoni fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, Granarolo ttrasferiet, lil EBS, biss il-proprjetà tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni tagħha, filwaqt li l-awtorizzazzjoni li hija għandha tkopri fl-istess waqt din l-installazzjoni u l-istabbiliment ta' produzzjoni, li tiegħu żammet il-proprjetà.

18 Sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016 (C-158/15, EU:C:2016:422, punt 30).

19 Sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Elektriciteits Produktiemaatschappij Zuid-Nederland EPZ (C-158/15, EU:C:2016:422, punt 30).

20 Nippreċiża li din l-interpretazzjoni tirrifletti, essenzjalment dik proposta minn EBS waqt is-seduta, li matulha hija spjegat li teżisti konnessjoni teknika bejn żewġ attivitajiet meta l-waqfien ta' parti mill-installazzjoni ddedikata għal waħda minn dawn l-attivitajiet timblokka l-funzjonament tal-kumplament tal-installazzjoni.

59. F'dan il-każ, għandu għaldaqstant jiġi eżaminat, fid-dawl tal-fajl li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja u b'riżerva għall-verifiki li għandhom jitwettqu mill-qorti tar-rinviju, jekk l-attività ttrasferita minn Granarolo lil EBS għandhiex "konnessjoni teknika" mal-attivitajiet l-oħra li jitwettqu fl-installazzjoni li għaliha din l-ewwel intrapriża għandha awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra.

60. Fuq dan il-punt, il-Gvern Taljan jargumenta li, la darba l-enerġija prodotta mill-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni ta' EBS hija speċifikament maħsuba għall-istabbiliment ta' produzzjoni ta' Granarolo u li dawn iż-żewġ installazzjonijiet huma fiżikament marbuta bejniethom, l-attivitajiet tagħhom għandhom "konnessjoni teknika".

61. Granarolo tikkontesta dan l-argument u ssostni, l-istess bħal EBS u l-Kummissjoni, li l-attività li titwettaq fl-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni ma għandhiex "konnessjoni teknika" mal-attivitajiet li din twettaq fl-istabbiliment ta' produzzjoni tagħha u ma tistax titqies li hija marbuta direttament magħha.

62. Naqbel ma' din l-opinjoni.

63. Fil-fatt, kif innotajt fil-punt 55 ta' dawn il-konklużjonijiet, sabiex tiġi konkluża l-eżistenza ta' attivitajiet "konnessi teknikament" ma huwiex suffiċjenti li huma jkunu konnessi bi kwalunkwe mod, imma jeħtieġ li jiġi stabbilit li l-attività ttrasferita hija integrata fil-proċess tekniku komuni tal-attivitajiet l-oħra taċ-ċedent.

64. F'dan il-każ, mill-fajl li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni hija marbuta mal-istabbiliment ta' produzzjoni ta' Granarolo biss permezz ta' network ta' distribuzzjoni (jiġifieri kajbils), li jippermettu l-provvista tal-enerġija.

65. Dan in-network ta' distribuzzjoni, għalkemm jiggarantixxi lil Granarolo aċċess privileġġjat għall-enerġija prodotta minn EBS, ma huwiex suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' konnessjoni teknika bejn l-attivitajiet ta' dawn iż-żewġ installazzjonijiet, għaliex, kif ikkonstatat il-qorti tar-rinviju, dan l-istabbiliment jista' jkompli jeżerċita l-attività tiegħu saħansitra f'każ ta' malfunzjonament u ta' interruzzjoni tal-attività tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni. Din l-aħħar konstatazzjoni jidhirli li hija deċiżiva.

66. F'dan ir-rigward, miċ-ċirkustanzi fattwali esposti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li l-istabbiliment ta' produzzjoni huwa konness man-network tal-elettriku nazzjonali, li jippermetti li huwa jkun fornut bl-elettriku anki fl-assenza ta' provvista adegwata minn EBS [21].

67. Barra minn hekk, l-imsemmi stabbiliment innifsu għandu installazzjoni termika, komposta minn tliet bojlers. Skont Granarolo, fil-każ fejn l-enerġija termika tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni ma tkunx tista' tiġi kkonsenjata lilha, din l-installazzjoni termika tkun suffiċjenti sabiex tipproduċi l-enerġija termika kollha neċessarja għall-bżonnijiet ta' produzzjoni tagħha.

68. Dawn l-elementi jindikaw, fil-fehma tiegħi, li l-attività ta' produzzjoni tal-enerġija termika u tal-elettriku ta' installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex integrata mal-proċess tekniku komuni ta' stabbiliment ta' produzzjoni bħal dak operat minn Granarolo. Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' Granarolo kien jista' effettivament jiffunzjona qabel ma nbniet l-installazzjoni. Għaldaqstant dan huwa każ oppost għal dak tal-installazzjoni li taħdem bil-faħam fil-kawża li tat lok għas-sentenza Elektriciteits Produktiemaatschappij Zuid-Nederland EPZ [22], li ma setgħetx teżerċita l-attività tagħha mingħajr il-faħam li jitwassal permezz ta' conveyor belt mill-installazzjoni ta' ħażna.

21 Nixtieq inżid li, skont Granarolo u EBS, huwa barra minn hekk teknikament possibbli, għal EBS, li tinjetta direttament l-elettriku prodott mill-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni fin-network nazzjonali tal-elettriku.

22 Sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016 (C-158/15, EU:C:2016:422).

69. F'dawn il-kundizzjonijiet, jien konvint li, f'kawża bħal dik prinċipali, l-attività ttrasferita u l-attivitajiet li jitwettqu fl-istabbiliment ta' produzzjoni li tiegħu ċ-ċedent żamm il-proprjetà ma għandhomx "konnessjoni teknika". B'mod partikolari, kif indikaw korrettament EBS u l-Kummissjoni, ir-relazzjoni li tikkaratterizza dawn l-attivitajiet, minflok ma tikkostitwixxi "rabta teknika", jidhirli li hija waħda ta' natura purament kuntrattwali.

70. Il-konklużjoni kuntrarja twassal sabiex jitqies li, minħabba l-fatt biss li huma konnessi b'network elettriku, il-forniturі kollha ta' servizzi tal-enerġija jeżerċitaw attivitajiet li għandhom "konnessjoni teknika" ma' dik tal-klijenti tagħhom, li jwassal għal sovrappożizzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jistgħu jiġu imputati lilhom u jagħmel il-funzjonament tal-ETS impossibbli [23].

71. Minn dawn l-elementi jirriżulta li l-attività li titwettaq f'installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni bħal dik ittrasferita, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, minn Granarolo lil EBS ma għandhiex titqies li għandha "konnessjoni teknika" mal-attivitajiet li jitwettqu fi stabbiliment ta' produzzjoni li, l-istess bħal dak ta' Granarolo, jista' jkompli jiffunzjona mingħajr din l-installazzjoni.

72. Kawża bħal dik prinċipali taqa' għaldaqstant fit-*tieni xenarju* deskritt fil-punt 51 ta' dawn il-konklużjonijiet.

73. F'tali xenarju, jidhirli, barra minn hekk, li l-fatt biss li l-unitajiet tekniċi kienu ttrattati, qabel it-trasferiment, bħala l-istess "installazzjoni" waħda ma jippreġudikax il-konklużjoni li issa jeżistu żewġ installazzjonijiet. Jekk l-attivitajiet taċ-ċedent u taċ-ċessjonarju ma għandhomx konnessjoni teknika bejniethom, l-unità teknika li tippermetti t-twettiq tal-attività ttrasferita għandha, wara t-trasferiment, tiġi kkunsidrata bħala separata minn dik fejn jitwettqu l-attivitajiet taċ-ċedent.

74. F'dan ir-rigward, infakkar li, skont l-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2003/87, meta ma hemmx kwistjoni jekk attivitajiet għandhomx "konnessjoni teknika" ma dawk eżerċitati f'installazzjoni, dan huwa sempliċement il-każ, kif sostna l-Gvern Ċek, li tiġi identifikata unità teknika stazzjonarja fejn jitwettqu attività waħda jew diversi attivitajiet minn fost dawk indikati fl-Anness I ta' din id-direttiva.

75. Issa, jien naqbel mal-pożizzjoni tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Elektriciteits Produktiemaatschappij Zuid-Nederland EPZ [24], li l-kunċett ta' "unità teknika" ma huwiex iddefinit u jista' jiġi interpretat b'mod flessibbli.

76. Fil-fatt, kuntrarjament għal dak li jissuġġerixxi l-Gvern Taljan, mill-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2003/87 ma jirriżultax li l-perimetru ta' installazzjoni ma jista' qatt jiġi estiż, jew imċekken, jew li l-konfigurazzjoni tal-installazzjoni ma tista' qatt tiġi varjata, ladarba tkun inħarġet l-ewwel awtorizzazzjoni.

77. Kwalunkwe interpretazzjoni oħra twassal sabiex tiffriża għal dejjem id-deskrizzjoni li ssir ta' installazzjoni fl-ewwel awtorizzazzjoni li tikkonċernaha u fil-fehma tiegħi, dan imur kontra l-kliem tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/87, li jipprevedi li installazzjoni hija suġġetta għal tibdil f'dak li jikkonċerna n-natura tagħha, il-funzjonament tagħha u l-kapaċità tagħha.

23 Imwassal sal-estrem, dan ir-raġunament iwassal sabiex jitqies, pereżempju, li l-impriżi kollha li huma mqabbda man-netwerk nazzjonali tal-elettriku jeżerċitaw attivitajiet li għandhom "konnessjoni teknika" bejniethom, u evidentement dan ma huwiex il-każ.

24 C-158/15, EU:C:2016:139, punt 27.

78. Minn dan kollu jsegwi, fil-fehma tiegħi, li unitajiet tekniċi li l-attivitajiet tagħhom ma għandhomx "konnessjoni teknika" bejniethom għandhom, f'każ ta' trasferiment ta' waħda minnhom, jitqiesu bħala installazzjonijiet separati[25], irrispettivament minn jekk huma kinux identifikati fl-ewwel awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra bħala li jiffurmaw l-istess "installazzjoni" waħda.

79. Dan għandu jkun il-każ tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni ta' EBS u tal-istabbiliment ta' produzzjoni ta' Granarolo: dawn ma jistgħux jitqiesu li jifformaw l-istess installazzjoni waħda, iżda tabilħaqq bħala żewġ installazzjonijiet separati.

80. Fis-sezzjoni segwenti, ser nanalizza l-kwistjoni ta' jekk l-emissjonijiet ta' installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħux madankollu, għar-raġuni li dawn huma diġà koperti mill-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra li jgawdi ċ-ċedent, dejjem jiġu imputati lil din il-kumpannija wara t-trasferiment. Sejjer nirrispondi fin-negattiv, billi nindika li huwa biss l-operatur ta' tali installazzjoni li jista' jkun responsabbli għal dawn l-emissjonijiet. Imbagħad, sejjer neżamina jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, kumpannija bħal Granarolo tistax titqies li hija dejjem "l-operatur" ta' tali installazzjoni. Ser nikkonkludi li jidhirli li hija biss EBS li tissodisfa din il-funzjoni.

C. Fuq il-ħtieġa li l-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra tintrabat mal-operatur

81. Infakkar li l-Artikolu 3(f) tad-Direttiva 2003/87 jipprovdi li "operatur", tfisser kull persuna li "tħaddem jew tikkontrolla" installazzjoni jew li, meta dan huwa pprovdut fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jkollha "saħħa ekonomika deċiżiva fuq il-funzjonament tekniku" tal-installazzjoni.

82. Barra minn hekk, l-għan tal-ETS huwa, kif indikajt fil-punt 31 ta' dawn il-konklużjonijiet, it-tnaqqis tal-emissjoni tal-gassijiet serra b'manjiera effettiva rigward spejjeż u effiċjenza ekonomika. Ma huwiex dak li jillimita t-tranżazzjonijiet li jistgħu jitwettqu mill-impriżi li jħaddmu installazzjonijiet li jaqgħu taħt l-ETS. Prova ta' dan, kif ikkonstatajt fil-punt 49 ta' dawn il-konklużjonijiet, it-tielet sentenza tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/87 tipprevedi espressament is-sitwazzjoni ta' tibdil tal-operatur.

83. Fid-dawl ta' dan l-għan, inqis, l-istess bħal Granarolo, bħal EBS u bħall-Kummissjoni, li awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra tista' tkopri biss l-installazzjonijiet jew partijiet ta' installazzjoni li "tħaddem" l-impriża detentriċi tal-awtorizzazzjoni.

84. Fil-fehma tiegħi, kull interpretazzjoni oħra tmur kontra l-għanijiet tad-Direttiva 2003/87 għaliex tkun timplika, kif Granarolo enfasizzat korrettament waqt is-seduta, li l-awtorizzazzjoni tista' tkun detenuta minn persuna fiżika jew ġuridika li ma tkunx iktar f'pożizzjoni li tikkontrolla l-emissjonijiet tal-installazzjoni. Meħud inkunsiderazzjoni r-riskju li l-emissjonijiet la jkunu, jekk ikun il-każ, ikkontrollati u lanqas ma jkunu ddikjarati korrettament, minn dan ikun jirriżulta preġudizzju għall-ETS.

25 Min-naħa l-oħra, fil-każ fejn l-installazzjoni inizjali tkun komposta minn "unità teknika" waħda (li ma huwiex il-każ f'din il-kawża), ma neskludix li, wara t-trasferiment, tibqa' teżisti l-istess "installazzjoni" waħda, minn perspettiva teknika, filwaqt li l-emissjonijiet provenjenti minn din l-installazzjoni jiġu diviżi bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju skont il-partijiet minn din l-installazzjoni li tagħhom huma għandhom il-kontroll rispettivament.

85. It-teżi proposta mill-Gvern Taljan u minn dak Ċek, li twassal sabiex torbot l-awtorizzazzjoni mal-installazzjoni, minflok mal-operatur, jidhirli li hija, barra minn hekk, żbaljata, għaliex, kif indikat korrettament il-Kummissjoni waqt is-seduta, mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2003/87 jirriżulta b'mod ċar li huwa abbażi tal-eżistenza ta' *operatur* li jista' jissorvelja u jiddikjara l-emissjonijiet li tingħata l-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra [26]

86. Ir-rekwiżiti formali stabbiliti, b'mod partikolari, fl-imsemmi Artikolu 6(2) jikkonfermaw ukoll il-fatt li huwa biss l-operatur li jista' jkun detentur ta' din l-awtorizzazzjoni [27]. B'mod partikolari, il-ħruġ tal-awtorizzazzjoni huwa, skont din id-dispożizzjoni, suġġett għall-osservanza, b'mod partikolari, tal-obbligu li abbażi tiegħu l-operaturi huma obbligati li jirrestitwixxu, qabel it-30 ta' April tas-sena kurrenti, sabiex jiġu kkanċellati, għadd ta' kwoti ekwivalenti għall-emissjonijiet totali tagħhom matul is-sena kalendarja preċedenti [28]. Ir-rabta bejn dan l-obbligu u l-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra tikkonferma, fil-fehma tiegħi, li ebda impriża minbarra l-operatur li fuqu huwa impost l-obbligu li jirrestitwixxi dawn il-kwoti ma tista' tkun detentriċi ta' din l-awtorizzazzjoni [29].

87. Jidhirli li l-kliem tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/87 jikkorrobora din l-interpretazzjoni. Huwa jipprovdi li l-Istat Membri għandhom jiżguraw illi, mill-1 ta' Jannar 2005, l-ebda installazzjoni ma teżerċita attività elenkata fl-Anness I ta' din id-direttiva li tirriżulta fl-emissjonijiet speċifikati b'rabta ma din l-attività, sakemm *l-operatur tagħha* ma jkollux awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità kompetenti, u sakemm l-istallazzjoni ma tkunx eskluża mill-ETS [30].

88. Mid-dispożizzjonijiet preċedenti, niddeduċi li awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra tista' tkopri biss l-installazzjonijiet jew partijiet ta' installazzjoni li "tħaddem" l-impriża detentriċi tal-awtorizzazzjoni u li fir-rigward tagħhom hija tista' tissorvelja u tiddikjara l-emissjonijiet.

89. L-argument tal-Gvern Ċek li d-Direttiva 2003/87 għandha tiġi interpretata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' direttivi oħra fil-qasam ta' emissjonijiet industrijali u, b'mod partikolari tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2010/75/UE [31], ma jidhirlix li jista' jwassal għal riżultat differenti.

90. Dan il-gvern jikkunsidra li, fil-kuntest tad-Direttiva 2003/87, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, skont l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2010/75, hija possibbli l-eżistenza ta' diversi operaturi għal partijiet differenti tal-istess installazzjoni. Skont dan il-gvern, l-eżistenza ta' diversi operaturi għal-partijiet differenti tal-istess installazzjoni ma tipprekludix li dawn jitqiesu bħala li jifformaw installazzjoni waħda. *A fortiori*, lanqas l-għoti tal-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra ma tiddependi fuq l-eżistenza ta' operatur uniku.

26 Nippreċiża li, konformement mal-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva, awtorizzazzjoni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tista' tkopri *installazzjoni jew diversi* installazzjonijiet imħaddma fuq l-istess sit mill-istess operatur. Għalhekk, ma hijiex daqstant il-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni għal kull "installazzjoni", imma pjuttost dik li din l-awtorizzazzjoni tkun tista' tintrabat mal-persuna fiżika jew ġuridika li tista' tissorvelja u tiddikjara l-emissjonijiet, li jidhirli li għandha preċedenza fid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva dwar ir-rekwiżiti għall-għoti ta' tali awtorizzazzjoni.

27 Dawn ir-rekwiżiti jinkludu, *inter alia*, il-ħtieġa li l-imsemmija awtorizzazzjoni tinkludi l-isem u l-indirizz tal-*operatur*.

28 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Vattenfall Europe Generation (C-457/15, EU:C:2016:613, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Inżid li, għalkemm huwa minnu li, kif argumenta l-Gvern Taljan, l-inklużjoni ta' installazzjoni fl-ETS tiddependi essenzjalment fuq il-karatteristiċi strutturali tagħha bħal ma huma t-tip ta' attività li titwettaq, il-kapaċità termika totali ta' kombustjoni tagħha u l-kwantità ta' emissjonijiet prodotti, kundizzjonijiet oħra, elenkati fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/87, huma madankollu meħtieġa għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-emissjoni ta' gassijiet serra.

30 Bl-istess mod, il-premessa 11 tad-Direttiva 2003/87 tipprovdi li "[l]-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-*operaturi* ta' ċerti attivitajiet speċifiċi jkollhom permess għall-emissjoni tal-gassijiet serra u li jimmonitorjaw u jirrapportaw l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra speċifikati fejn jidħlu dawn l-attivitajiet" (korsiv miżjud minni).

31 Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġiż) (ĠU 2010, L 334, p. 17). Nippreċiża li d-definizzjoni tal-kunċett ta' "installazzjoni", prevista fl-Artikolu3(3) ta' din id-direttiva hija kważi identika għal dik li tidher fl-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2003/87. Il-Kummissjoni enfasizzat dan ix-xebh kważi identiku fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew skond it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE dwar il-pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill fid-dawl tal-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema ta' skambju tal-kwoti ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE tal-Kunsill [SEC (2003)364 finali], aċċessibbli fuq il-websajt li ġej: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/FR/TXT/?uri=CELEX%3A52003SC0364 (b'mod partikolari fis-sitt paragrafu tal-punt 3.2.4 intitolat "Emendi supplementari adottati mill-Kunsill għall-proposta emendata). Inżid li, fi kliem l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2003/87, l-Istati Membri għandhom jieħdu "l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li […] il-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-ħruġ ta' permess għall-emissjoni tal-gassijiet serra jiġu kkoordinati ma' dawk għall-permess ipprovdut f'din id-[Direttiva 2010/75]".

91. Issa dan l-argument ma jneħħi xejn mill-fatt li, kif jirriżulta mid-dispożizzjonijiet li jien fakkart hawn fuq, awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra tista' tingħata biss bil-kundizzjoni li jeżisti minn tal-inqas operatur wieħed li jkun jista' jissorvelja u jiddikjara l-emissjonijiet ta' tali installazzjoni. Barra minn hekk, minn imkien ma jirriżulta li din l-awtorizzazzjoni tista' tkun detenuta minn persuna li ma toperax l-installazzjoni msemmija fiha.

92. F'kull każ, l-imsemmi argument jikkonċerna x-xenarju fejn jeżistu diversi operaturi għall-istess installazzjoni, filwaqt li, kif jirriżulta mis-sezzjoni B ta' dawn il-konklużjonijiet, ma hijiex kwistjoni ta' tali sitwazzjoni f'din il-kawża [32]. Għaldaqstant, jidhirli li t-triq ta' riflessjoni proposta mill-Gvern Ċek hija irrilevanti.

93. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, inqis li l-emissjonijiet ta' installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni ma jistgħux jiġu imputati lis-sid preċedenti tagħha għar-raġuni biss li huma diġà koperti bl-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra tiegħu. Huma jistgħu jiġu imputati biss lill-operatur ta' din l-installazzjoni, jiġifieri lill-persuna li tkun tista' tissorvelja u tiddikjara dawn l-emissjonijiet u li hija responsabbli għalihom.

D. Fuq l-identifikazzjoni tal-operatur

94. Fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, ma jidhirlix li l-klawżoli kuntrattwali bejn Granarolo u EBS l jindikaw li Granarolo kellha żżomm kontroll, fuq l-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni, tali li hija tkompli tkun l-"operatur" tagħha u li l-emissjonijiet ta' din l-installazzjoni jistgħu jibqgħu jiġu imputati lilha, minkejja l-bidla tal-proprjetarju.

95. Infakkar li, skont Granarolo u EBS, it-trasferiment ta' proprjetà tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni elimina kull kontroll minn Granarolo fuq din l-installazzjoni.

96. Il-Gvern Taljan jiċħad dan l-argument u jikkunsidra li Granarolo għadha topera din l-installazzjoni. Din tal-aħħar għadha tiddependi fuq il-bżonnijiet tal-enerġija tal-istabbiliment ta' produzzjoni ta' Granarolo, għaliex EBS intrabtet li tibqa' tipprovdilha, għal perijodu ta' tnax-il sena, l-enerġija meħtieġa għall-funzjonament ta' dan l-istabbiliment, tat lil Granarolo d-dritt ta' preferenza fuq xiri mill-ġdid ta' din l-installazzjoni, u aċċettat li ebda xogħlijiet ta' manutenzjoni jew tiswija ma jsiru mingħajr l-approvazzjoni ta' Granarolo.

97. F'dan ir-rigward, diġà indikajt fil-punti 32 sa 36 ta' dawn il-konklużjonijiet li mill-klawżoli miftehma bejn Granarolo u EBS jirriżulta li hija biss EBS li għandha s-setgħa li żżid jew tnaqqas il-kwantità tal-enerġija totali prodotta mill-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni.

98. Id-dritt ta' xiri mill-ġdid li tgawdi Granarolo, l-istess bħall-ħtieġa li tinkiseb l-awtorizzazzjoni minn qabel ta' din l-aħħar kumpannija qabel ma jsiru xogħlijiet f'din l-installazzjoni, bl-ebda mod ma jillimitaw din is-setgħa.

99. Il-fajl li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja ma jiżvelax ċirkustanzi fattwali oħra li minnhom jista' jiġi dedott li Granarolo għadha topera din l-installazzjoni.

32 L-eżistenza ta' diversi operaturi għal partijiet differenti tal-istess installazzjoni jidhirli li hija, f'kull każ, possibbli fil-kuntest tad-Direttiva 2003/87 l-istess bħal f'dak tad-Direttiva 2010/75. Ċertament, il-kunċett ta' "operatur", fis-sens tal-Artikolu 3(f) ta' din l-ewwel direttiva huwa differenti minn dak iddefinit fl-Artikolu 3(15) ta' din it-tieni direttiva, għaliex, kif fakkret il-Kummissjoni waqt is-seduta, din l-aħħar dispożizzjoni tindika "kull persuna fiżika jew ġuridika li topera jew tikkontrolla l-installazzjoni […] *kollha jew parti minnhom*" u għalhekk ma tillimitax ruħha għal dik li "tħaddem jew tikkontrolla *stallazzjoni*" (korsiv miżjud minni). Madankollu, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2003/87 jipprovdi li "[l]-awtorità kompetenti għandha toħroġ permess għall-emissjoni tal-gassijiet serra li jagħti awtorizzazzjoni għall-emissjoni tal-gassijiet serra dinja minn stallazzjoni *fl-intier tagħha jew f'parti minnha* […]" (korsiv miżjud minni).

100. Suġġett għal verifiki li għandhom jitwettqu mill-qorti tar-rinviju, dawn il-kunsiderazzjonijiet huma suffiċjenti, fil-fehma tiegħi, sabiex jiġu konkluż li Granarolo ma tistax tissorvelja l-emissjonijiet provenjenti mill-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali u li hija ma tistax tiġi kkunsidrata bħala l-"operatur" li lilu għandhom jiġu imputati dawn l-emissjonijiet. Fil-fehma tiegħi, hija biss EBS li tissodisfa din il-funzjoni.

E. Konklużjoni intermedja

101. Fil-fehma tiegħi, mill-elementi preċedenti jirriżulta li installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni u stabbiliment ta' produzzjoni bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistgħux jitqiesu li jiffurmaw parti mill-istess "installazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2003/87.

102. F'dan ir-rigward, inqis, b'mod partikolari, li l-attività li titwettaq f'installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għandhiex "konnessjoni teknika" mal-attivitajiet ta' stabbiliment ta' produzzjoni li, l-istess bħal dak operat minn Granarolo, huwa konness man-network tal-elettriku nazzjonali u jista' jibqa' jiffunzjona anki f'każ ta' waqfien tal-attività ta' din l-installazzjoni.

103. Barra minn hekk, sakemm il-klawżoli kuntrattwali miftehma bejn iċ-ċedenti u ċ-ċessjonarja jew ċirkustanzi fattwali oħra ma jindikawx li ċ-ċedenti żammet kontroll fuq din l-imsemmija installazzjoni tali li hija baqgħet l-"operatur", fis-sens tal-Artikolu 3(f) tad-Direttiva 2003/87 – li ma jidhirlix li huwa l-każ fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali –, hija biss iċ-ċessjonarja li għandha titqies li tissodisfa din il-funzjoni u għalhekk bħala li tista' tissorvelja u tiddikjara l-emissjonijiet relatati magħha. Dawn l-emmissjonijiet ma jistgħux, għalhekk, jiġu imputati liċ-ċedenti u għandhom jitneħħew mill-awtorizzazzjoni tagħha ta' emissjoni ta' gassijiet serra, ma huwiex rilevanti wisq li l-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni li minnha dawn ġew emessi kienet, qabel it-trasferiment, ittrattata bħala li tifforma installazzjoni waħda unika mal-istabbiliment ta' produzzjoni tagħha.

F. Fuq il-kompatibbiltà mar-"regola ta' aggregazzjoni" (it-tielet domanda preliminari)

104. Ser nispjega iktar 'il quddiem ir-raġunijiet li għalihom nikkunsidra li r-"regola ta' aggregazzjoni" stabbilita fil-punt 3 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 ma tipprekludix li, fiċ-ċirkustanzi ta' kawża bħal dik prinċipali, meħud inkonsiderazzjoni l-fatt li l-kapaċità termika ta' kombustjoni tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni hija inqas minn 20 MW, l-emissjonijiet marbuta mal-iżvolġiment tal-attività ittrasferita minn Granarolo lil EBS joħorġu barra mill-kamp ta' applikazzjoni *rationae materia* ta' din id-direttiva.

105. Fil-fehma tiegħi, dan ir-riżultat ma jirriflettix evażjoni abbużiva tar-regoli tal-ETS, imma jitnissel mir-rieda espressa tal-leġiżlatur li jipprevedi regola *de minimis* u li jinkludi, fil-kamp tal-applikazzjoni *rationae materiae* tad-Direttiva 2003/87, biss l-installazzjonijiet li l-kapaċità termika totali tagħhom hija iktar minn 20 MW.

106. F'dan ir-rigward, nikkonstata, *l-ewwel nett*, li r-"regola ta' aggregazzjoni" ma għandhiex l-għan li żżomm lill-operaturi ekonomiċi milli jittrasferixxu l-installazzjonijiet tagħhom lil terzi, lanqas li twassal sabiex l-installazzjonijiet kollha li jiffunzjonaw permezz ta' "kombustjoni ta' [kombustibbli]" jkunu, sa fejn possibbli, inklużi fl-ETS [33]. Għall-kuntrarju, mill-kliem tagħha jirriżulta li hija għandha tapplika "sabiex jiġi deċiż jekk tiddaħħalx fl-EU ETS", li jimplika li jeżistu, preċiżament, sitwazzjonijiet fejn l-installazzjoni mhux ser tissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex taqa' taħt l-ETS [34].

107. *It-tieni nett*, il-possibbiltà li l-emissjonijiet relatati ma installazzjoni ttrasferita ma humiex koperti mill-ETS ma tistax tiftiehem fis-sens li hija intiża sabiex tinkoraġġixxi lill-operaturi ta' installazzjonijiet li jaqgħu taħt l-ETS sabiex jiddividuhom sabiex jittrasferixxu l-proprjetà tagħhom lil daqstant impriżi sussidjarji jew imsieħba kemm huwa meħtieġ sabiex, wara t-tranżazzjoni, l-ebda installazzjoni ma taqbeż il-livell ta' 20 MW.

108. F'dan ir-rigward, mis-sezzjoni D ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li, jekk, minkejja l-bidla fil-proprjetarju, mill-klawżoli kuntrattwali miftehma bejn il-partijiet jew minn ċirkustanzi fattwali oħra jirriżulta li ċ-ċedent għadu jopera l-unità jew l-unitajiet tekniċi li fihom titwettaq l-attività ttrasferita, din impriża tista' tiġi kkunsidrata bħala li għadha responsabbli għall-emissjonijiet relatati magħha. Jekk ikun il-każ, ir-regola ta' aggregazzjoni għandha għaldaqstant tkompli tapplika kif kien il-każ qabel it-trasferiment.

109. Jidhirli li din il-kunsiderazzjoni hija suffiċjenti sabiex tevita evażjoni abbużiva tal-ETS, filwaqt li tippreżerva l-libertà tal-operaturi li jwettqu għażliet organizzattivi leġittimi dwar l-attivitajiet tagħhom u li jeżerċitaw l-awtonomija kuntrattwali tagħhom.

110. *It-tielet nett*, insibha diffiċli nifhem ir-raġunijiet li għalihom operatur bħal Granarolo jista' jżid l-emissjonijiet li għalihom huwa kellu awtorizzazzjoni minn qabel sabiex jieħu inkunsiderazzjoni emissjonijiet ta' unità teknika ġdida mibnija fuq is-sit tiegħu li ma għandhiex konnessjoni teknika mal-attivitajiet l-oħra tiegħu [35], imma li, wara li jkun ittrasferiha lil terzi, ma jkunx jista' jibqa' jirtira l-emissjonijiet korrispondenti tal-awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra tiegħu, għar-raġuni biss li huwa kien l-operatur preċedenti tagħha.

111. Fil-fatt, is-sitwazzjoni tiegħu ma hijiex allura differenti minn dik ta' operatur ieħor, li, mingħajr ebda konnessjoni preċedenti ma' din l-unità teknika, jiddeċiedi li jikkonkludi kuntratt ta' provvista tal-enerġija ma' dan l-istess terz. Inżid li, f'dan il-każ, kieku EBS bniet hija stess installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni qrib l-istabbiliment ta' produzzjoni ta' Granarolo, minflok ma xtrat dik ta' din l-aħħar kumpannija, tali installazzjoni ma kinitx tkun, mill-bidunett, koperta bl-ETS, għaliex hija ma kinitx taqbeż il-livell ta' 20 MW [36].

33 Kif issostni Granarolo, il-Kummissjoni fid-dokument tagħha "Guidance on Interpretation of Annex I of the EU ETS Directive (excl. aviation activities)" (il-"Linji gwida dwar l-interpretazzjoni tal-Anness I tad-Direttiva [2003/87] (eskluži attivitajiet tal-avjazzjoni)"), tat-18 ta' Marzu 2010 (p. 16), indikat li r-"regola ta' aggregazzjoni" għandha l-għan li tittratta b'mod ugwali l-installazzjonijiet tal-istess kapaċità, anki jekk waħda teżerċita l-attività tagħha permezz ta' diversi unitajiet żgħar ta' produzzjoni, u l-oħra, min-naħa l-oħra, permezz ta' unità waħda kbira. Il-link għal dan is-sit tal-internet fejn huwa disponibbli dan id-dokument hija indikata fin-nota ta' qiegħ-il paġna 17 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 F'kull każ, infakkar, li konformement mal-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2003/87 (dwar dik li hija komunement imsejħa l-"iskema tal-emittenti żgħar"), l-Istati Membri jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jeskludu mill-ETS lill-installazzjonijiet li, minkejja li jeċċedu l-livell ta' 20 MW, għandhom kapaċità termika ta' kombustjoni inqas minn 35 MW. Isegwi minn dan li, anki jekk tiġi applikata r-regola ta' aggregazzjoni prevista fil-punt 3 tal-Anness I ta' din id-direttiva, wara trasferiment u jekk jitqies li teżisti installazzjoni waħda biss li tgħaqqad l-attività ttrasferita u dik taċ-ċessjonarju, tali installazzjoni tista', minkejja kollox, tiġi eskluża mill-ETS.

35 Ara punt 16 ta' dawn il-konklużjonijiet.

36 Bħala eżempju, Granarolo tindika li, fuq wieħed mis-siti industrijali l-oħra tagħha (differenti minn dak ta' Pasturago di Vernate), l-installazzjoni tagħha ta' ko-ġenerazzjoni twaqqfet u li EBS bniet, qrib l-istabbiliment ta' produzzjoni ta' dan is-sit, installazzjoni ġdida ta' ko-ġenerazzjoni. Il-fatt li din l-aħħar installazzjoni hija s-suġġett ta' kuntratt ta' provvista ta' enerġija bejn EBS u Granarolo ma jwassalx għar-riżultat li l-emissjonijiet relatati magħha jiġu imputati lil din l-aħħar kumpannija.

112. *Fl-aħħar nett*, infakkar li l-għan ġenerali tal-ETS huwa dak li twassal għal tnaqqis globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Issa, dan l-għan jista' jintlaħaq aħjar jekk, kif Granarolo u EBS ippruvaw jagħmlu fil-kawża prinċipali, ikun possibbli li installazzjoni maħsuba għall-produzzjoni tal-elettriku u tal-enerġija termika tiġi ttrasferita lil impriża speċjalizzata li tkun tista' tikkontrolla l-emissjonijiet ta' din l-installazzjoni bl-iktar mod effettiv possibbli.

V. Konklużjoni

113. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari mressqa mit-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Reġjonali ta' Lazio, l-Italja) kif ġej:

1) L-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni u stabbiliment ta' produzzjoni bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għandhomx, wara t-trasferiment tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni mill-operatur komuni tagħhom lil operatur ieħor, jitqiesu li jiffurmaw parti mill-istess "installazzjoni", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

2) L-attività li titwettaq f'tali installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni ma għandhiex "konnessjoni teknika", fis-sens tal-Artikolu 3(e) tad-Direttiva 2003/87, kif emendata bid-Direttiva 2009/29, mal-attivitajiet ta' stabbiliment ta' produzzjoni li, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, huwa konness man-network tal-elettriku nazzjonali u jista' jibqa' jiffunzjona anki f'każ ta' waqfien tal-attività tal-installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni.

3) Il-fatt li l-kapaċità termika totali ta' kombustjoni ta' installazzjoni ta' ko-ġenerazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma teċċedix il-livell ta' 20 MW indikat fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87, kif emendata bid-Direttiva 2009/29, u li, wara t-trasferiment tagħha mill-ewwel operatur tagħha lil operatur ieħor, din l-installazzjoni ma taqax, konsegwentement, taħt l-iskema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ma jikkostitwixxix evażjoni abbużiva tar-regola ta' aggregazzjoni prevista fil-punt 3 tal-Anness I ta' din id-direttiva.